## NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 15 - IT-TLIETA 9 TA' JANNAR 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Louis Bonnici | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Daniel Camilleri | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ |
| Skużata: | Maryanne Cuomo | Chairperson - Kum. Amm. |

Pubbliku: Ma kien hemm l-ebda preżenza tal-pubbliku.

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li ċ-Chariperson tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq, Maryanne Cuomo, kienet infurmatu li ma setatx tattendi għal-laqgħa.

1.2. F'dan il-ħin is-Sindku tat merħba lil Daniel Camilleri li kien qiegħed jattendi l-laqgħa tal-Kunsill għall-ewwel darba bħala l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-Kunsillier Bonnici xtaq jikkjarifika punt 3.5 tal-minuti. Huwa qal li waqt il-laqgħa msemmija tal-Bord tal-MAGF kien innutat li l-mod kif kienu qegħdin jiġu assenjati l-marki għall-proġetti sottomessi jista' jkun li setgħu joħolqu kunflitt ta' interess speċjalment jekk membru partikulari tal-Bord ikollu interess f'xi wieħed mill-proġetti li jkun qiegħed jiġi aġġudikat. L-MAGF għalhekk kienet qed twettaq eżerċizzju biex tivverifika l-impatt li jista' jħalli fuq ir-riżultati finali li kieku l-membri li jkollhom interess f'xi proġett ma jivvutawx fuq l-ebda proġett.

2.3. Il-minuti imbagħad ġew approvati *nem con* kif ippreżentanti u għalhekk iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

3.1. Il-Kunsillier Bonnici informa li dwar il-proġett li ppreżenta l-Kunsill ma' MAGF ġie fir-raba' post li jfisser li ġie aċċettat biex ikun iffinanzjat kollu.

3.2. Is-SE irrefera għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinxtara *projector* fejn informa li, wara evalwazzjoni aktar bir-reqqa induna li projectors LED ma kienux joffru speċifikazzjonijiet biżżejjed kif meħtieġ mill-Kunsill filwaqt li meta kkalkula l-ammont ta' siegħat ta' użu mqabbel mal-ammont ta' użu normali tal-Kunsill, anki wieħed bl-inqas ammont ta' siegħat kien iservi aktar minn sbatax-il sena. Għalhekk ħass li l-aħjar għażla kienet tal-*projector Infocus* u li għalhekk kien qiegħed jiġi installat dak il-ħin stess.

3.3. Is-SE irrefera wkoll għall-kwotazzjonijiet li kellu l-Kunsill f'idejh biex jagħmel numru ta' ranep fuq il-bankina taħt l-iskema tal-aċċessibilità. Huwa fakkar li l-Kunsill kien issospenda temporarjament il-kwotazzjonijiet bil-ħsieb li dan ix-xogħol isir minn grupp ta' ħaddiema tal-IPSL. Is-SE informa li huwa saħansitra kien xtara l-madum apposta iżda kienu inġiebu diversi skużi bil-konsegwenza li kienu se jintilfu l-fondi. Huwa għalhekk talab lid-Dipartiment għat-tieni estensjoni li ngħatat sal-aħħar ta' Marzu u kien imwissi li mhux se jingħataw aktar estensjonijiet. Għalhekk, sabiex ma jintilfux il-fondi, huwa ħa d-deċiżjoni li jordna x-xogħol skont il-kwotazzjonijiet mingħand Central Asphalt li offra l-irħas prezzijiet. Dan ix-xogħol se jkun lest sal-aħħar ta' Jannar. Il-Kunsill approva.

3.4. Is-Sindku infurmat li kienet bidiet tiġi kkordinata laqgħa mal-Ministru tal-anzjani sabiex jiġi diskuss il-proġett li ssemma fil-laqgħa preċedenti.

3.5. Is-Sindku talbet li tkun mibgħuta *reminder* lill-Ministru Mizzi dwar il-proġett ta' Triq V. Boron għaliex il-Kunsill kien għadu ma sema' xejn aktar.

3.6. F'dan il-ħin issemmew it-telgħa tal-Għaqba, il-*pelican lights* ta' Triq tal-Labour u anki l-*one ways* tal-inħawi ta' Triq in-Nutar Debono li dwarha kienu għaddew xi *emails*.

3.7. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill se jkollu għad dispożizzjoni tiegħu Eco Wardens għal sagħtejn kull xahar. Dawn is-siegħat jistgħu jinġemgħu u jiġu wżati f'daqqa. Il-Kunsillieri għalhekk intalbu biex jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom lis-Sindku jew lis-SE.

3.8. Il-Kunsillier Sammut informa li fil-bandli taċ-ċentru kien qiegħed ikun hemm 'burdell' għall-ħabta tal-11pm. Dwar dan se jkunu infurmati l-Pulizija.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' RENDIKONTI FINANZJARI

4.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'A.

4.2. Il-Kunsill approva wkoll il-lista ta' ordnijiet u l-lista ta' dħul għax-xahar ta' Diċembru. Dawn huma annessi f'B u Ċ rispettivament.

4.3. Il-Kunsillier Bonnici talab li tiġi mressqa quddiem il-Kunsill il-lista tal-ispejjeż tal-attività tal-Milied. Is-SE informa li hija l-prattika li dan isir wara kull attività u wara li jkunu kkonfermati l-kontijiet.

4.4. Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill jagħmel evalwazzjoni tal-attività iżda kien hemm qbil li l-ewwel għandha ssir evalwazzjoni mis-sottokumitat tan-negozji.

4.5. Is-Sindku semmiet li l-Kunsill għandu jinvesti aktar fid-dwal tal-Milied, kif ukoll iħejji pjan ta' x'se jsir għall-Milied li ġej sabiex jekk hemm xi affarijiet li għandhom jinxtraw jew jiġu ppreparati, dawn ikunu lesti idealment għall-ħabta ta' Settembru/Ottubru.

4.6. Kien hemm qbil, fuq suġġeriment tas-Sindku, li għandu jiġi ffurmat sottokumitat għat-tiżjin u l-attività tal-Milied.

4.7. Is-SE informa lill-Kunsill li kienet daħlet talba mingħand Denise Grech, li qed tieħu ħsieb in-niċċa t'Alla u Ommu, biex il-Kunsill jgħin sabiex isir embelishment madwar in-niċċa. Hija kienet lesta li tagħmel ammont ta' xogħol hi iżda talbet lill-Kunsill biex inaddaf madwarha. Hija ġabet stima li tammonta għal €750. Il-Kunsill qabel li għandu jnaddaf iżda wara li jinġiebu aktar stimi.

4.8. Is-SE spjega kif il-ġbir tal-flus ta' kuljum mill-aġenzija tas-sigurtà kull ma jmur qed isir aktar u aktar għali, u għalhekk is-SE ħaseb li jkun aktar għaqli għall-Kunsill li l-ġbir isir inqas frekwenti u l-flus jinżammu ġo *safe* sakemm jinġabru.

4.9. Kien hemm qbil li s-*safe* jinxtara, iżda għandha tkun ikkonsultata l-kumpanija tal-assikurazzjoni biex il-Kunsill ikun żgur li jixtri *safe* bl-ispeċifikazzjonijiet li jkunu aċċettabbli għall-fini ta' assikurazzjoni.

## 5. PERFORMACE BONUS GĦALL-IMPJEGATI TAL-KUNSILL

5.1. Is-SE kien mistoqsi dwar il-*performance* tal-impjegati u wieġeb li huwa jiltaqa' fil-bidu tas-sena mal-impjegati u jiddiskuti magħhom il-pożittiv u n-negattiv tal-performance tagħhom filwaqt jaqblu fuq dawk is-setturi li l-aktar ikun meħtieġ li wieħed jiffoka. Imbagħad, bi qbil mal-impjegat konċernat tkun mimilja l-*performance appraisal form*. Huwa sostna li, minkejja li xi drabi jkun hemm xi nuqqasijiet, l-aspetti pożittivi jiżbqu bil-bosta n-negattiv li wieħed jista' jkollu. Huwa jibqa' joffri s-sapport kollu meħtieġ matul is-sena kollha biex jilħqu l-miri maqbula. Għal dan il-għan huwa kien qiegħed jirrakkomanda performance bonus ta' 6% lill-impjegati kollha.

5.2. Il-Kunsillieri kollha kellhom kliem ta' tifħir għall-ħidma tal-impjegati u għalhekk unanimament qablu mar-rakkomandazzjoni tas-SE.

5.3. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel unanimament ukoll li s-SE għandu jieħu *performance bonus* ta' 10%.

## 6. KUNTRATTI TAD-DAWL TAT-TOROQ (MEMO 34/2013)

6.1. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jara jekk hemmx Kunsilli oħra li huma interessati li joħorġu sejħa konġunta, dan għaliex hemm ċans għola li jġib prezzijiet aħjar.

6.2. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jivverifika jekk hemmx il-bżonn ukoll li toħroġ sejħa għal Inginier.

## 7. KUNTRATT MAL-MEPA GĦAL TRIQ V. BORON

7.1. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li dan is-suġġett ikun aġġornat għal laqgħa oħra sakemm tiċċekkja xi affarijiet dwar dan il-kuntratt.

## 8. ATTIVITÀ TAL-KARNIVAL

8.1. Is-Sindku rreferiet lill-Kunsillier Galea għal *email* li kien bagħat is-SE dwar il-Karnival u staqsietu jekk kienx ħaseb f'xi proposti. Il-Kunsillier Galea informa li ma kienx ħaseb x'jista' jsir aktar milli jsir is-soltu.

8.2. Is-Sindku infurmat li qed tindaga biex tara jekk il-Kunsill għandux ikabbar l-attività. Kif ikollha d-dettalji se tinforma lill-Kunsill.

### 9. KOMPETIZZJONI REBBIEGĦA

9.1. Fuq proposta tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li ssir kompetizzjoni għal żmien ir-rebbiegħa tal-isbaħ faċċata mżejna bil-fjuri.

9.2. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-aġġudikazzjoni għandha ssir kemm permezz ta' *Facebook* (ġurija popolari) kif ukoll billi jkun hemm ġurija teknika. Għal dawn għalhekk ikun hemm żewġ premjijiet separati.

9.3. Il-kumplament tad-dettalji tħallew f'idejn il-Viċi Sindku.

### 10. KUNTRATTI ĠODDA / ĦRUĠ TA' TENDERS

10.1. Is-SE informa li hemm ammont ta' offerti li jridu jinħarġu. Dwar dan huwa kien diġà bagħat abbozz tal-offerti kollha lil kull Kunsillier biex jibgħatu l-kummenti.

10.2. Kien hemm qbil li wara li jiġu mressqa quddiem is-Sottokumitat tal-Finanzi dawn jistgħu jinħarġu mingħajr il-ħtieġa li jkunu riferuti lura lill-Kunsill.

### 11. IL-BAĠIT GĦAS-SENA 2014

11.1. Is-SE informa lill-Kunsill li kien se jsir *draft* tal-baġit mal-*accountant* l-għada tal-laqgha. Wara dan id-*draft* jiġi mressaq quddiem is-Sottokumitat tal-Finanzi, u wara jgħaddi għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

11.2. Sadanittant però, kif infatti kienet l-intenzjoni li jkun ippreżentat dan is-suġġett fuq l-aġenda, dawk kollha li għandhom xi rakkomandazzjoni partikulari għandhom iressquha kemm jista' jkun malajr.

### 12. IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNTATT LI JMISS

12.1. Il-Kunsillier Sciberras semma 3 punti fejn ma qabilx mal-proposta oriġinali tal-Editur. L-ewwel punt kien l-allokazzjoni ta' kliem; il-Kunsillier Sciberras sostna li l-Kunsilliera għandu jkollhom aktar minn 150 kelma li qed jipproponi l-Editur.

12.2. Punt ieħor kien dwar il-lingwa. Qabel li għandu jsir bl-Ingliż, imma mhux partijiet minnhu biss. Għandu joħroġ bil-Malti u dan jitqassam fid-djar kollha kif isir fil-preżent, iżda għandu jkun hemm verżjoni kompletament bl-Ingliż għal min ma jifhimx bil-Malti li jkun jista' jinkiseb permezz tal-internet.

12.3. L-aħħar punt kien l-irbit tal-Kunsillier biex jiktbu fuq suġġett wieħed partikolari.

12.4. Dwar dan kien hemm diskussjoni b'reazzjonijiet imħallta.

12.5. Is-SE esprima li kien jinħass li l-messaġġ tal-Editur jista' jkun li ma wasalx tajjeb u għalhekk seta' ma nftehemx. La darba huwa kien iddiskuta flimkien mas-Sindku f'aktar dettall, seta' jispjega f'aktar dettall x'kellu f'moħħu l-Editur. Wieħed kellu japprezza li l-fuljett tal-Kunsill huwa intiż unikament biex juri x-xogħol tal-Kunsill b'mod pożittiv u għalhekk m'għandu qatt jintuża biex issir kritika lill-Kunsill mill-istess Kunsillieri. Jekk wieħed ried jesprimi opinjoni diversa u jikteb fit-tul allura kellu diversi mezzi oħra biex jagħmel dan b'mod personali. Dwar ir-rabta tas-suġġett ma kienx mistenni li wieħed jitkellem direttament fuq dak is-suġġett iżda li b'mod ġenerali l-kuntatt ikun qiegħed jiffoka fuq tema partikulari. Għalhekk wieħed seta' jabbina x-xogħol li jkun wettaq fir-responsabbiltà tiegħu mat-tema magħżula.

12.6. Is-SE se jipprova jirranġa biex l-Editur jiġi fil-Kunsill ħalli jispjega f'aktar dettall.

12.7. Kienu diskussi wkoll xi suġġerimenti jekk għandux ikun fuljett regolari jew inqas regolari.

12.8. Sadanittant kien hemm qbil li l-fuljett li jmiss ikun ippubblikat fi Frar.

**13. RIKONOXXIMENT LIL SIMON MUSCAT**

13.1. Il-Kunsillier Sciberras ippropona li s-Sur Simon Muscat, li kien involut mal-armata f'operazzjoni ta' salvataġġ ta' numru ta' immigranti illegali, jingħata xi forma ta' rikonoxximent iżda kien se jħalli f'idejn il-Kunsill biex jara x'tip ta' rikonoxximent għandu jingħata.

13.2. Is-Sindku semmiet kif il-Kunsill għandu jiddeċiedi l-kriterji kif persuna tkun eliġibbli għal rikonoxximent mill-Kunsill.

13.3. Kien hemm qbil li possibilment għandha tinġabar lista ta' nies li jistħoqqilhom rikonoxximent għal xi ħaġa li jkunu għamlu matul l-aħħar sena biex jingħataw rikonoxximent fil-jum li fih jingħata Ġieħ in-Naxxar.

13.4. Il-Kunsill qabel għalhekk li fil-laqgħa li jmiss jiddiskuti kemm Ġieħ in-Naxxar, rikonoxximenti kif ukoll biex ikun stabbilit Jum in-Naxxar.

**14. TMIEM IL-LAQGĦA**

14.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 30 ta' Jannar 2014.

14.2. Ġiet deċiża wkoll id-data tal-laqgħa ta' wara għal nhar il-Ħamis 20 ta' Frar 2014.

14.3. Il-laqgħa intemmet fl-9:55pm.

| | |
|---|---|
| **MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD*** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

A

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgħa 15**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mit-3 ta' Diċembru 2013 sat-2 ta' Jannar 2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates Ltd | €222.15 | €222.15 | T | PF | Review of planning applications - Nov 13 | 30/11/2013 | 1281 | n/a | n/a | 3130 | 17214 |
| 2 | Agricultural Co-operative Ltd | €3,481.00 | €3,481.00 | T | PF | Garden Maintenance - Nov 13 | 30/11/2013 | 42796 | n/a | n/a | 3061 | |
| 3 | Alexander Agius | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillor Remuneration Schedule Jul - Dec 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 17206 |
| 4 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Nov 13 | 01/12/2013 | 214 of 2013 | n/a | n/a | 3140 | 17215 |
| 5 | Anne Marie Muscat Fenech Adami | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillor Remuneration Schedule Jul - Dec 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 17202 |
| 6 | Archway Ironmongery | €240.95 | €240.95 | D | PF | Silicone, pvc tape, nylon holders, cable ties, etc. | 08/11/2013 | 35323 | 4564, 4569 & 4584 | 4564, 4569 & 4584 | 2240 | |
| 7 | Arms Ltd | €130.00 | €130.00 | D | PF | Application for temporary electricity service - Xmas Décor 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3362 | 17153 |
| 8 | B. Grima & Sons Ltd | €57.58 | €57.58 | K | PF | Disabled Signs | 02/12/2013 | 10004125 | 4600 | 4600 | 2313 | |
| 9 | B. Grima & Sons Ltd | €1,024.59 | €1,024.59 | K | PF | Traffic Mirrors, dead end signs, no entry signs, street name sign, etc. | 02/12/2013 | 10004133 | 4316, 4317, 4334, 4337, 4338 | 4316, 4317, 4334, 4337, 4338 | 2313 | |
| 10 | B. Grima & Sons Ltd | €360.70 | €360.70 | K | PF | Traffic mirror, dead end signs, no entry signs, Un/Loading sign, etc. | 03/12/2013 | 10004140 | 4350, 4343, 4359 | 4350, 4343, 4359 | 2313 | |
| 11 | B. Grima & Sons Ltd | €432.00 | €432.00 | K | PF | Traffic mirror, resident parking signs, dead end signs, etc. | 03/12/2013 | 10004148 | 4367 & 4372 | 4367 & 4372 | 2313 | |
| 12 | B. Grima & Sons Ltd | €266.68 | €266.68 | K | PF | No heavy vehicle signs; dead end signs; etc. | 10/12/2013 | 10004166 | 4383 | 4383 | 2313 | |
| 13 | B. Grima & Sons Ltd | €250.75 | €250.75 | K | PF | Wall bracket, street name and poles. | 17/12/2013 | 10004181 | 4397 | 4397 | 2313 | |
| 14 | Bitmac Works Ltd | €54.60 | €54.60 | D | PF | Instant road repair | 05/12/2013 | 102895 | 4591 | 4591 | 2311 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | Bitmac Works Ltd | €113.75 | €113.75 | D | PF | Instant road repair | 19/12/2013 | 103232 | 4631 | 4631 | 2311 | |
| 16 | Bitmac Works Ltd | €54.60 | €54.60 | D | PF | Instant road repair | 19/12/2013 | 103237 | 4634 | 4634 | 2311 | |
| 17 | Cash | €84.38 | €84.38 | D | PF | Petty Cash - Dec 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | 17149 |
| 18 | CDA Ink & Toner Ltd | €44.99 | €44.99 | D | PF | HP CE 285A Hp P1102 - Ink for front office printer | 23/12/2013 | 10453 | 4633 | 4633 | 2610 | |
| 19 | Central Asphalt Ltd | €452.91 | €452.91 | D | PF | Cold asphalt - Aug 2012 | 27/12/2013 | 48323 | n/a | n/a | 2311 | |
| 20 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - Nov 13 | 30/11/2013 | 207 | n/a | n/a | 3051 | 17216 |
| 21 | Clifford Galea | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillor Remuneration Schedule Jul - Dec 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 17203 |
| 22 | Clint Muscat | €515.00 | €515.00 | D | PF | Tower ladder service for setting up the xmas lighting | 09/12/2013 | 9309269 | 4637 | 4637 | 3362 | |
| 23 | Clinton Sammut | €525.00 | €525.00 | D | PF | Councillor Remuneration Schedule Jul - Dec 13 (1 meeting absent on 21/11/2013) | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 17204 |
| 24 | Commissioner of Inland Revenue | €3,705.80 | €3,705.80 | D | PF | FSS + NI - Dec 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 17210 |
| 25 | Datatrak IT Services | €197.91 | €197.91 | D | PF | 20 Pre-region tickets paid in Dec 13 | 31/12/2013 | 1010742 | n/a | n/a | 3610 | |
| 26 | Dr Maria Fatima Deguara | €817.35 | €817.35 | D | PF | Mayor's remuneration - Dec. 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 27 | E. Calleja & Sons Ltd | €118.00 | €118.00 | D | PF | PMMA opal globes; mini spiral E27 & PVC tape white | 05/12/2013 | 70008320 | 4598 | 4598 | 3362 | |
| 28 | E. Calleja & Sons Ltd | €73.61 | €73.61 | D | PF | RCD and timer for Xmas decorations | 16/12/2013 | 70008679 | 4623 | 4623 | 3362 | |
| 29 | Edward Cachia | €100.00 | €100.00 | D | PF | Musical service on the 15/12/2013 "Xmas Event 2013" | 15/12/2013 | 25 | 4628 | 4628 | 3370 | |
| 30 | Florel Home | €20.00 | €20.00 | D | PF | Flower arrangement for the "Inawgurazzjoni tal-Ghaqda Kulturali Wirt Naxxari" dated 25/09/2013 | 25/09/2013 | 11 | 4509 | 4509 | 3320 | |
| 31 | Florel Home | €50.00 | €50.00 | D | PF | Flower arrangement for Arts, Hobbies & Crafts Nov 13 | 01/11/2013 | 12 | 4542 | 4542 | 3360 | |
| 32 | Florel Home | €20.00 | €20.00 | D | PF | Flower arrangement for the Council meeting dated 10/12/2013 | 10/12/2013 | 13 | 4576 | 4576 | 3320 | |
| 33 | G4S Security Services Ltd | €371.70 | €371.70 | D | PF | Cash collection services - Nov 13 | 30/11/2013 | GS008824 | n/a | n/a | 3190 | 17217 |
| 34 | Gamri Bezzina | €116.47 | €116.47 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq l-Ilgiem | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17152 |
| 35 | Georgina Grima | €661.55 | €661.55 | D | PF | Nursing fees - Nov 13 | 30/11/2013 | Nov-13 | n/a | n/a | 3150 | 17218 |
| 36 | Georgina Grima | €707.00 | €707.00 | D | PF | Nursing fees - Dec 13 | 31/12/2013 | Diċ-13 | n/a | n/a | 3150 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 | Go plc | €15.72 | €15.72 | D | PF | Telephony monthly service - Nov 13 [21416363] | 06/12/2013 | 35534459 | n/a | n/a | 2160 | 17157 |
| 38 | Go plc | €206.66 | €206.66 | D | PF | Telephony monthly service - Nov 13 [21417224] | 06/12/2013 | 35534449 | n/a | n/a | 2160 | 17158 |
| 39 | Go plc | €39.93 | €39.93 | D | PF | Telephony monthly service - Nov 13 [21416341] | 06/12/2013 | 35534455 | n/a | n/a | 2160 | 17159 |
| 40 | Grace Camilleri | €186.30 | €186.30 | D | PF | Branch librarian service - Nov 13 | 04/12/2013 | Nov-13 | n/a | n/a | 2995 | 17219 |
| 41 | Gutenberg Ltd | €609.00 | €609.00 | T | PF | Printing of 5,500 Xmas Cards | 23/12/2013 | 39304 | n/a | n/a | 2610 | |
| 42 | Ilead Solutions Ltd | €165.20 | €165.20 | K | PF | Rectangular banner from the 9th Dec till the 15th Dec 13 "Xmas Event 2013" | 06/12/2013 | 10000044 | 4609 | 4609 | 3370 | |
| 43 | Image Systems Ltd | €206.77 | €206.77 | D | PF | Ink per page for photocopier | 30/11/2013 | FSMA/100013 | n/a | n/a | 2610 | |
| 44 | Impressions | €57.75 | €57.75 | D | PF | Printing of 60 A3 posters "Xmas Event 2013" | 10/12/2013 | 45714 | 4612 | 4612 | 3370 | |
| 45 | Isabelle Borg Magro | €300.00 | €300.00 | D | PF | Reimbursement for payment made obo Naxxar Local Council to Csicso Band "Xmas Event 2013" | n/a | n/a | n/a | n/a | 3370 | |
| 46 | JB Stores Ltd | €54.48 | €54.48 | D | PF | 12mtr plastic for Xmas Trees | 12/12/2013 | 19043 | 4618 | 4618 | 3362 | |
| 47 | JGC Ltd | €184.80 | €184.80 | D | PF | 10pcs red 45mm tiles & 10pcs green 45mm tiles | 07/12/2013 | 320-13 | 4575 | 4575 | 2310 | |
| 48 | Joseph Sant | €62.39 | €62.39 | D | PF | Whole legs for the "Lunch for the elderly" | 12/12/2013 | 3203 | 4638 | 4638 | 3360 | |
| 49 | Jurgen Attard | €294.50 | €294.50 | T | PF | Ground warden - Dec 13 | 31/12/2013 | 158722 | n/a | n/a | 3191 | |
| 50 | Kite Group | €35.00 | €35.00 | D | PF | Purchase of a book named: "Gonzi and Malta's Break with Gaddafi" | n/a | n/a | 4593 | 4593 | 2995 | 17150 |
| 51 | Leo's Garage Paramount | €337.61 | €337.61 | K | PF | Transport service for the elderly - Nov 13 | 30/11/2013 | 25884 | 4568 & 4572 | 4568 & 4572 | 2720 | |
| 52 | Leon Promotions Ltd | €1,127.00 | €1,127.00 | K | PF | Xmas Animation Services for the Xmas Event 2013 | 20/12/2013 | G09/13 | 4603 & 4626 | 4603 & 4626 | 3370 | |
| 53 | Local Government Association | €795.00 | €795.00 | D | PF | Skema ta' Sahha ghall-Kunsill Lokali In-Naxxar - 2014 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3030 | 17155 |
| 54 | Local Government Association | €63.00 | €63.00 | D | PF | Assikurazzjoni tal-Flus ghall-Kunsill Lokali In-Naxxar - 2014 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3030 | 17156 |
| 55 | Lornit | €1,160.00 | €1,160.00 | D | PF | Permit System for 1 Login Dec 13 till Dec 14 | 04/12/2013 | 20131204-01 | 4601 | 4601 | 3110 | 17220 |
| 56 | Lorry Azzopardi | €60.00 | €60.00 | D | PF | Opening of drainage at the Public Convenience on the 12/12/2013 | 19/12/2013 | NXR/002/13 | 4630 | 4630 | 2310 | |
| 57 | Louis Bonnici | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillor Remuneration Schedule Jul - Dec 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 17209 |
| 58 | Mailbox Services Ltd | €96.93 | €96.93 | D | PF | Door to door distribution of Xmas Event 2013 flyer | 12/12/2013 | 1617 | 4615 | 4615 | 3370 | |
| 59 | Mailbox Services Ltd | €96.93 | €96.93 | D | PF | Door to door distribution of Xmas Card 2013 | 20/12/2013 | 1618 | 4640 | 4640 | 2650 | |
| 60 | Malta post plc | €240.50 | €240.50 | D | PF | Order of Stamps | n/a | n/a | n/a | n/a | 2650 | 17211 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Maria Deguara | €640.00 | €640.00 | D | PF | Councillor Remuneration Schedule Jul - Dec 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 17201 |
| 62 | Maria Deguara | €127.86 | €127.86 | D | PF | Reimbursement for the expenses settled with regards to the Xmas Lunch for the elderly | n/a | n/a | n/a | n/a | 3360 | 17222 |
| 63 | Maria Deguara | €36.60 | €36.60 | D | PF | Reimbursement for 2 gas cylinders "Xmas Lunch for the Elderly 13" | n/a | n/a | n/a | n/a | 3360 | 17223 |
| 64 | Maria Regina College | €181.01 | €181.01 | D | PF | Purchase of books for the Naxxar Primary Prize Day Dec 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | |
| 65 | Mario Cardona | €247.80 | €247.80 | K | PF | First Aid Service on the 13th, 14th & 15th Dec 13 " Xmas Event 13" | 20/12/2013 | 183.13 | 4616 | 4616 | 3370 | |
| 66 | Melita Trains | €600.00 | €600.00 | K | PF | Melita Train Tour Service on the 13/12/2013 "Xmas Event 2013" | 18/12/2013 | 155/13 | 4614 | 4614 | 3370 | |
| 67 | Melita Trains | €295.00 | €295.00 | K | PF | Melita Train Tour Service on the 16/12/2013 "BIC" | 18/12/2013 | 156/13 | 4596 | 4596 | 3370 | |
| 68 | Multitrade Ltd | €269.40 | €269.40 | D | PF | Tappi 25x25; Artic Adj foot 48 dia M8x55; etc. Xmas Stalls "Xmas Event 2013" | 12/12/2013 | 16405 | 4622 | 4622 | 2210 | |
| 69 | Nadia Chetcuti | €230.00 | €230.00 | D | PF | Refund for the deposit of machinery at Triq it-Torri tal-Kaptan | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 17151 |
| 70 | Noel Gatt | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillor Remuneration Schedule Jul - Dec 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 17205 |
| 71 | Parrocca Marija Bambina | €80.00 | €80.00 | D | PF | Kitchen services rendered on the 13/12/2013 "Xmas Lunch for the elderly" | 19/12/2013 | email from Fr Evan | n/a | n/a | 3360 | |
| 72 | Paul Magri | €825.95 | €825.95 | D | PF | Metal framework for the 15 Xmas Stalls | 06/12/2013 | 65706 | 4617 | 4617 | 7600 | |
| 73 | Paul Tonna Son of Santu Ltd | €260.00 | €260.00 | D | PF | Glass panes for bus shelters | 12/12/2013 | 84732 | 4574 | 4574 | 2315 | |
| 74 | Pauline Miceli | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillor Remuneration Schedule Jul - Dec 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 17207 |
| 75 | Pierre Sciberras | €480.00 | €480.00 | D | PF | Councillor Remuneration Schedule Jul - Dec 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1105 | 17208 |
| 76 | Prickly Pear Works | €82.60 | €82.60 | D | PF | Design of certificates "Arts, Hobbies & Crafts Exhib. 2013" | 19/12/2013 | 13071 | 4536 | 4536 | 3370 | |
| 77 | Richie's Ironmongery | €13.59 | €13.59 | D | PF | 17 holder adaptors, 200 black cable ties and Mains Tester | 12/12/2013 | 4134AA | 4627 | 4627 | 3370 | |
| 78 | Ricky Caruana | €850.00 | €850.00 | T | PF | Public Convenience Cleaning - Dec 13 | 31/12/2013 | Dec 13 | n/a | n/a | 3053 | |
| 79 | Ricky Caruana | €450.45 | €429.00 | T | PF | Civic Centre Cleaning - Dec 13 | 31/12/2013 | Dec 13 | n/a | n/a | 3055 | |
| 80 | Rita Mamo | €35.00 | €35.00 | D | PF | Maid service at Oratorju on the 13/12/2013 "Lunch for the elderly" | 15/12/2013 | Nxr/001/13 | 4629 | 4629 | 3360 | |
| 81 | Romina Perici Ferrante | €377.60 | €377.60 | T | PF | Accountancy services - Nov 13 | 03/12/2013 | 13/066 | n/a | n/a | 3160 | 17221 |
| 82 | Romina Perici Ferrante | €377.60 | €377.60 | T | PF | Accountancy services - Dec 13 | 10/12/2013 | 13/073 | n/a | n/a | 3160 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 83 | Spiral Design | €88.50 | €88.50 | D | PF | Supply & prints incl. lamination of 5 'Hop-on Hop-off STOP' "Xmas Event 2013" | 12/12/2013 | 2731 | 4620 | 4620 | 3370 | |
| 84 | Staff Salaries | €7,745.53 | €7,745.53 | D | PF | Staff wages - Dec. 13 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 85 | The Lighthouse Keepers | €28.43 | €28.43 | T | PF | Maintenance on street lamp | 18/10/2013 | KLNX1481 | n/a | n/a | 3065 | |
| 86 | The Lighthouse Keepers | €265.94 | €265.94 | T | PF | Maintenance on street lamp | 23/10/2013 | KLNX1483 | n/a | n/a | 3065 | |
| 87 | The Lighthouse Keepers | €265.94 | €265.94 | T | PF | Maintenance on street lamp | 23/10/2013 | KLNX1485 | n/a | n/a | 3065 | |
| 88 | The Lighthouse Keepers | €265.94 | €265.94 | T | PF | Maintenance on street lamp | 23/10/2013 | KLNX1486 | n/a | n/a | 3065 | |
| 89 | The Lighthouse Keepers | €265.94 | €265.94 | T | PF | Maintenance on street lamp | 23/10/2013 | KLNX1488 | n/a | n/a | 3065 | |
| 90 | The Lighthouse Keepers | €265.94 | €265.94 | T | PF | Maintenance on street lamp | 23/10/2013 | KLNX1490 | n/a | n/a | 3065 | |
| 91 | The Lighthouse Keepers | €18.36 | €18.36 | T | PF | Maintenance on street lamp | 21/10/2013 | KLNX1492 | n/a | n/a | 3065 | |
| 92 | The Lighthouse Keepers | €39.06 | €39.06 | T | PF | Maintenance on street lamp | 18/10/2013 | KLNX1493 | n/a | n/a | 3065 | |
| 93 | The Lighthouse Keepers | €31.87 | €31.87 | T | PF | Maintenance on street lamp | 18/10/2013 | KLNX1494 | n/a | n/a | 3065 | |
| 94 | The Lighthouse Keepers | €30.09 | €30.09 | T | PF | Maintenance on street lamp | 18/10/2013 | KLNX1495 | n/a | n/a | 3065 | |
| 95 | The Lighthouse Keepers | €29.59 | €29.59 | T | PF | Maintenance on street lamp | 21/10/2013 | KLNX1496 | n/a | n/a | 3065 | |
| 96 | The Lighthouse Keepers | €5.92 | €5.92 | T | PF | Maintenance on street lamp | 21/10/2013 | KLNX1497 | n/a | n/a | 3065 | |
| 97 | The Lighthouse Keepers | €29.59 | €29.59 | T | PF | Maintenance on street lamp | 21/10/2013 | KLNX1498 | n/a | n/a | 3065 | |
| 98 | The Lighthouse Keepers | €101.74 | €101.74 | T | PF | Maintenance on street lamp | 21/10/2013 | KLNX1499 | n/a | n/a | 3065 | |
| 99 | The Lighthouse Keepers | €30.20 | €30.20 | T | PF | Maintenance on street lamp | 21/10/2013 | KLNX1500 | n/a | n/a | 3065 | |
| 100 | Velton Trading Ltd | €60.00 | €60.00 | D | PF | Xmas Lights | 12/12/2013 | 56 | 4619 | 4619 | 3362 | |
| 101 | Victory Butcher | €30.00 | €30.00 | D | PF | 65 chicken legs "Xmas Lunch for the elderly" | 12/12/2013 | 984 | 4639 | 4639 | 3360 | |
| 102 | Vincent Mifsud Ltd | €349.60 | €349.60 | D | PF | Power Cord Kit; ropelight red; ropelight blue & ropelight yellow for Xmas Décor "BIC" | 06/12/2013 | 172070 | 4599 | 4599 | 3362 | |
| 103 | VitiMalta | €92.16 | €92.16 | D | PF | 12 bottles auctoritas chardonnay and 12 bottles maleth for the Xmas lunch for the elderly | 02/12/2013 | 195-13 | 4580 | 4580 | 3360 | |
| 104 | Vodafone MT | €102.99 | €102.99 | D | PF | Telephony monthly service - Nov 13 | 01/12/2013 | 38399571 22013 | n/a | n/a | 2160 | 17154 |
| 105 | WasteServ Malta Ltd | €6,918.25 | €6,216.75 | D | PF | Allocated MSW waste - Nov 13 | 16/12/2013 | 44375 | n/a | n/a | 3040 | |
| 106 | Wembley Motors | €40.00 | €40.00 | D | PF | Transport service on the 21/11/2013 to Valletta & return | 30/11/2013 | 125849 | 4641 | 4641 | 2720 | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | **€53,104.24** | | | | | | | | | |

**B**

**Purchase Order list for the month of December 2013** **02/01/2014**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 02/12/2013 | 4589 | DOI | Advert on govt Gazette re monti hawkers | €9.32 |
| 02/12/2013 | 4590 | Bitmac Ltd. | Instant road repair for Triq San Pawl | €22.75 |
| 03/12/2013 | 4591 | Bitmac Ltd. | Instant road repair for Triq il-Kappella ta' Santa Marija | €54.66 |
| 03/12/2013 | 4592 | J&S Store | Pkts tie bags, 50mtrs rope and wire. | €25.70 |
| 03/12/2013 | 4593 | Kite Group | Purchase of a book named: "Gonzi and Malta's Break with Gaddafi" | €35.00 |
| 03/12/2013 | 4594 | Golden Gate Co. Ltd. | Supply and printing of orange files (x500) | €115.64 |
| 04/12/2013 | 4595 | Charlie Mifsud | Cleaning of debris at Triq Santa Klara | €120.00 |
| 04/12/2013 | 4596 | Melita Trains Ltd | Train services at Bahar ic-Caghaq for the Xmas Party 2013 | €295.00 |
| 04/12/2013 | 4597 | Albert McCarthy | Santa Klaws services at Bahar ic-Caghaq for the Xmas Party 2013 | €100.00 |
| 05/12/2013 | 4598 | E Calleja & Sons | Bozoz mini spiral 25 watt x5, pvc tape x2, opal globe 30cm x5 (labour ave & 21st Sept) | €118.00 |
| 05/12/2013 | 4599 | Vincent Mifsud Co. Ltd. | Xmas Lights | €349.62 |
| 05/03/2013 | 4600 | B. Grima & Sons Ltd. | 2 disabled signs | €57.58 |
| 04/12/2013 | 4601 | Lornit | Permit System for 1 Login Dec 13 till Dec 14 | €1,160.00 |
| 06/12/2013 | 4602 | Catch a Fire Malta | Fire Juggler & Juggling Show for Xmas Event 2013 | €380.00 |
| 06/12/2013 | 4603 | Leon Promotions Ltd | Face painter, balloon modeller, disney mascots & santa klaws for Xmas Event 2013 | €746.00 |
| 06/12/2013 | 4604 | Bay Radio | 21 10sec adverts on Bay Radio | €237.89 |
| 06/12/2013 | 4605 | One Radio | 22 spots 10sec adverts on One Radio | €130.00 |
| 06/12/2013 | 4606 | Impressions Ltd. | Printing of Xmas Event flyers qty 9,000 | €257.24 |
| 06/12/2013 | 4607 | Malta Today Co. Ltd | Banner to be placed in the News page of Maltatoday.com | €129.80 |
| 06/12/2013 | 4608 | Radio 101 | 35 10sec adverts re. Xmas Event 2013 | €118.00 |
| 06/12/2013 | 4609 | Di-ve.com | Banner on Di-ve.com re. Xmas Event 2013 | €165.20 |
| 09/12/2013 | 4610 | Archway Ironmongery | Galvanised wire, cable ties, tester, plugs, screws, drills, etc. | €41.31 |
| 09/12/2013 | 4611 | Archway Ironmongery | 4 tubi & 4 starters | €10.20 |
| 09/12/2013 | 4612 | Impressions Ltd. | 60 A3 posters for Xmas Event 2013 | €64.90 |
| 10/12/2013 | 4613 | Peace Band Club | Fustun 21 st Sept Avn (400), Labour Avn (200) u 8 stilel 50 each | €1,000.00 |
| 10/12/2013 | 4614 | Melita Trains Ltd | Train service on the 13/12/2013 between 2pm and 9pm "Xmas Event 2013" | €600.00 |
| 11/12/2013 | 4615 | Mailbox Services | Distribution of Xmas Event flyers Dec 2013 | €96.93 |
| 12/12/2013 | 4616 | Kevin Gauci | 2 first aiders for 14hrs assistance during Xmas Event 2013 | €247.80 |
| 06/12/2013 | 4617 | Paul Magri | Metal framework for Xmas Stalls | €825.95 |
| 12/12/2013 | 4618 | JB Stores | Platic for the Xmas trees (1.4mtr by 9mtrs) | €54.48 |
| 12/12/2013 | 4619 | Velton Trading | Xmas Lights | €60.00 |
| 12/12/2013 | 4620 | Spiral Design Ltd | Printing of Train stop stickers | €88.50 |
| 12/12/2013 | 4621 | Charmaine Borg | Walking Tours for the Xmas Event 2013 | €180.00 |
| 12/12/2013 | 4622 | Multitrade Ltd | Tappi 25x25; Artic Adj foot 48 dia M8x55; etc. | €269.40 |
| 16/12/2013 | 4623 | E Calleja | RCD and timer for Xmas decorations | €73.61 |
| 16/12/2013 | 4624 | Just Contractors | Hire of Skip | €40.00 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 18/12/2013 | 4625 | Archway Ironmongery | Lamp, plastic, kurrenti, brushes, hammerite, nylon, etc. | €332.16 |
| 12/12/2013 | 4626 | Leon Promotions Ltd | Additional mascots for Xmas Event 2013 | €381.00 |
| 12/12/2013 | 4627 | Richie's Ironmongery | Holder adaptors B22; Cable ties black; 7" mains tester. | €13.59 |
| 15/12/2013 | 4628 | Edward Cachia | Musical service on the 15/12/2013 "Xmas Event 2013" | €100.00 |
| 15/12/2013 | 4629 | Rita Mamo | Maid service at Oratorju on the 13/12/2013 "Lunch for the elderly" | €35.00 |
| 19/12/2013 | 4630 | Lorry Azzopardi | Opening of drainage at the Public Convenience on the 12/12/2013 | €60.00 |
| 19/12/2013 | 4631 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €113.75 |
| 20/12/2013 | 4632 | Central Asphalt Ltd. | Ramps for various pavements | €4,184.60 |
| 21/12/2013 | 4633 | COA Ink and Toners | Toner for front desk | €44.99 |
| 19/12/2013 | 4634 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €54.60 |
| 23/12/2013 | 4635 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €50.10 |
| 23/12/2013 | 4636 | Archway Ironmongery | Hammerite, sealer, wood primer, rollers, etc. | €59.34 |
| 09/12/2013 | 4637 | Clint Muscat | Highup service for setting up the xmas lighting | €515.00 |
| 12/12/2013 | 4638 | Frans Butcher | Chicken legs - Christmas for the elderly Dec 2013 | €62.39 |
| 12/12/2013 | 4639 | Victory Butcher | Chicken legs - Christmas for the elderly Dec 2013 | €30.00 |
| 20/12/2013 | 4640 | Mailbox Services | Distribution of Xmas card Dec 2013 | €96.93 |

| | |
|---|---|
| **Total** | **€14,413.93** |

ċ

**Income list for the month of December 2013** **02/01/2014**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | Xmas Lunch for the elderly | €615.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €375.00 |
| 0023 | Cultural activities | €775.00 |
| 0025 | Skip Permit | €85.68 |
| 0026 | Crane Permit | €389.81 |
| 0027 | Kiosk Permit | €323.29 |
| 0028 | Outside activity permit | €87.80 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €113.18 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €4.82 |
| 0125 | Trenching permits | €4.66 |
| 0200 | Debtors | €122.24 |
| 4006 | Contractors guarantees | €470.00 |
| | **TOTAL** | **€3,366.48** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 10025 |
| | To | 10241 |